KUNSILL LOKALI — KALKARA — LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 4/2021**

21 ta' April 2021

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera ( online )
Speranza Chricop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ma kienx hemm

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**4.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

**4.1.1** Ma kienx hemm

**4.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

**4.2.1** Il-minuti ta' seduta numru 3 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

**4.2.2** Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sinjur Chritopher Bruno, il-minuti ġew approvati unanimament

**4.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**4.3.A** Is-Sindku informa l-Kunsill dwar l-aħbar li anki kienet diġa' ntweriet fil-midja soċjali rigward iċ-ċaqliq tat-tankijiet taż-żejt mill-lokalita' tal-Kalkara. Is-Sindku spjega illi wara din l-aħbar wieħed ma jistax jippretendi illi fil-ġranet qarib ser naraw xi ċaqlieq pero' n-negozjati dwar din il-kwistjoni issa bdew. Huwa saħaq illi tajjeb li wieħed ikun jaf il-fatti biex anke meta r-resident javviċinaw xi kunsillier wieħed ikun jaf jirrispondi sewwa bla ħafna tidwir bid-diskors u b'informazzjoni korretta. Is-Sindku qal ukoll illi huwa kien preżenti waqt il-laqgħa fil-Kumitat Parlamentari tal-verifika u li żgur il- mertu mhux ser jieħdu waħdu fuq din il-kwistjoni 'l għaliex kien hemm kunsilliera fil-kunsill preċedenti li ħaddmu bis-sħiħ biex dawn it-tankijiet jitneħħew mill- Kalkara kif ukoll entitajiet u Ministeri, Membri Parlamentari u persuni oħra li baqgħu jagħmlu enfażi biex dan ikun jista jseħħ. Is-Sindku saħaq illi issa nkunu nistgħu naħsbu għar-riġenerazzjoni ta' din iż-żona la darba t-tankijiet ikkonfermati li ser jitilqu. Il-kunsill għandu jagħmel pjan ta' kif iż-żona tista' tiġi rriġenerata biex jibdew diskussjonijiet mal- Ministeri kkonċernati għal proġetti futuri.

B Is-Sur Sindku nforma l-kunsill dwar l-aħħar żvilluppi li qegħdin iseħħu fir-rigward il-proġett ta' riġenerazzjoni tax-Xatt. Huwa spjega kif fl-aħħar ġranet kien kontinwament f'kuntatt mal-awtoritajiet ikkonċernati biex iż-żona tal-bandli tibqa' waħda sigura' kif ukoll jiġi kordinat ix-xogħol li kien hemm bżonn kif suppost. Tajjeb li wieħed ikun jaf illi ser ikun hemm perjodu fejn m'hu ser ikun qiegħed jidher l-ebda xogħol fuq is-sit pero' ġew ikkonfermati illi l-loġistika kollha ser tkun qed tinħadem speċjalment fejn jidħlu sejħiet għall-offerti biex finalment dan il-

proġett ikun jista' jsir. Wieħed irid iżomm f'moħħu illi proċeduri bħal dawn jieħdu ż-żmien tagħhom biex kollox ikun konformi mal-liġi u ma jfissirx li meta wieħed ma jarax vizivament zviluppi jffisser li m'hu qiegħed isir xejn fl-istess rigward. Tajjeb ukoll li wieħed isemmi illi l-kunsill ma hareġ l-ebda finanzi biex inqala l-bandli kif darba ġie diskuss bejn il-kunsill stess dan wara li s-Sur Wayne Aquilina talab u għamel pressjoni biex dawn jinqalaw imminentament la darba ż-żona ma kinitx ser tibqa' sigura' għat-tfal. Is-Sindku spjega illi l-kummenti kollha mingħand ir-residenti rigward il-pjanti tal-istess proġett ma ġewx ippublikati ħabba kwistjoni ta' protocol pero' dawn il-pjanti kienu ilhom żmien ippubblikati pero' l-kunsill ma setax jaqbad u jippubblika l-informazzjoni kif ġieb u leħaq la darba l-proġett minnufih ma jaqax taħt il-kappa tal-kunsill lokali imma jaqa' kompletament taħt il-GHRC.

C Is-Sindku nforma l-kunsill dwar applikazzjoni li ser tkun qed tiġi sottomessa mill-kunsill fir-rigward fondi maħruġin mill-LESA biex il-kunsill ikun fiċ-ċans jibbenefika minn fondi biex jintefqu purament għal e van li tant huwa ta' bżonn għal kunsill lokali kif ukoll għal proġetti futuri abbinati mal-ftuħ tal-berġa ġdida li ser ikollna fil-lokal. Il-kunsill qabel unanimament dwar dan il-punt imsemmi hawn fuq.

d Is-Sur Sindku informa lill-kunsill illi x-xogħol ta' kostruzzjoni għaddej ġmielu fuq Triq is-Sienja, fejn tajjeb li wieħed jifhem illi din hija waħda mill-itwal toroq fil-Kalkara li fin-natura ta' dan wieħed jifhem illi l-proċessi huma itwal u l-kumplikazzjonijiet huma akbar f'ċertu ċirkostanzi. Is-Sindku qal illi huwa qiegħed f'kuntatt kontinwu mal-perit inkarigat u responsabbli minn din it-triq biex b'hekk jiġu solvuti ilmenti minnufih la darba wieħed ikun jista'. Is-Sindku qal illi din it-triq ser issir f'fażijiet wara li hu stess għamel enfażi ma' IM biex dan ikun jista' jseħħ u jitnaqqas l-inkonvenjent lejn ir-residenti tal-istess triq. Is-Sinjura Sultana qalet illi bankina partikolari fl-istess triq ma saritx kif suppost u li lanqas hija llivelata fil-fehma tagħha u fil-fehma ta' ħafna residenti li kellmu lilha personali. Is-Sindku wieġeb illi l-perit infurmat kollox u wieħed għandu fuq kelma ta' professjonist la darba huwa inkarigat minn dan ix-xogħol u jekk il-perit iċċertifika din il-bankina mhux ħa jkun il-kunsill li jmerih jew imur kontra parir ta' professjonist.

e Is-Sindku informa l-kunsill illi ser ikun qed isejjaħ laqgħa ma' IM u TM biex jiġu diskussi l-aħjar sistemi ta' traffiku fiż-żona ta' Santu Rokku fejn il-ħanut partikolari tal-laħam kif ukoll Santu Rokku ż-żona fejn il-fort Rinella. Id-diskussjonijiet għandhom ukoll jinkludu l-parti ta' Triq Missjoni Taljana fil-viċinanzi tal-grawnd tal- football minħabba raġunijiet ovvji speċjalment minħabba saħħa u sigurta' meta wieħed ikun qiegħed jaqsam din it-triq bit-tfal. Tajjeb ukoll li wieħed jirranġa ż-żona biex jiżdiedu l-parkeggi la darba t-triq wiesa biżżejjed biex dan ikun jista' jsir.
Is-Sindku wera wkoll draft tal-pjanti li qed jiġu ssuġeriti minn TM biex il-kunsill ikun jista' jifhem aħjar x'qed jiġi propost minn naħa tal-awtorita'. Il-kunsill qabel fuq il-proponiment ta' Triq Santu Rokku n-naħa tal-Fort Rinella fejn qed jiġi ssuġerit li

jitneħħew ic-'centre strips' fil-preżent u jiġu implementati 3 oħra fl-istess żona b'mod aktar sostenibbli fejn jidħol immannigjar ta' saħħa u sigurta' fit-triq kif ukoll immaniġjar ta' traffiku. Il-kunsill pero' għadu ma qabilx mal-proponiment ta' IM għaż-żona ta' Santu Rokku n-naħa ta' fejn ħanut tal-laħam partikolari u b'hekk is-Sindku ser ikun qed isejjaħ laqgħa mal-partijiet ikkonċernati preferibbilment 'on site' biex wieħed jara b'għajnejh dak kollu li l-kunsill qiegħed jissuġġerixxi għaż-żona.

F Is – Sindku nforma l-kunsill dwar l-aħħar żviluppi fuq il-ġnien ta' Triq Missjoni Taljana fejn hu ġie infurmat mid-dipartiment ikkonċernat illi lot 1 tat-tendering procedures li jinkludi xogħolijiet ta' restawr, xogħol ċivili, landscaping u xogħol ta' mekkanika u eletrikku inħareġ filwaqt li lot 2 li jinkludi equipment kien hemm xi problemi fuqu u ser ikun qed jerġa' jinħareġ fil-ġranet li ġejjin. Is-Sindku reġa' għamel enfażi li hu ser ikun qed jibqa' jagħmel pressjoni biex jinbdew ix-xogħolijiet f'dan il-ġnien mill-aktar fiss possibli.

g.Il-kunsill idduskata data possibilment biex issir laqgħa annwali 2021 iktar tard f'Mejju 2021 biex jiġu ppreżentati rapport u informazzjoni dwar proġetti li jikkaverjaw din l-istess sena. Id-data ma ġietx ikkonfermata u ser tkun qed tiġi kkonfermata aktar tard fil-ġranet li ġejjin biex b'hekk ukoll jinħarġu notifiċi fuq il-midja socjali u tinħadem loġistika minħabba restrizzjonijiet ta' Covid biex din il-laqgħa ssir online u livestreamed għal benefiċċju tar-residenti li jkunu nteressati jattendu.

H 1 Is-Sur Sindku nforma l-kunsill dwar talba minn għand il-każin tas-Sagra fejn qed jitolbu illi l-arbli li ilhom hemm għal dawn l-aħħar 5 snin mill-inqas fit-tela' ta' Triq Marina n-naħa tal-Esplora jibqgħu hemm permanenti. Il-kunsill qabel illi ma jsibu l-ebda oġġezzjoni la darba dawn l-arbli qiegħedin hemm bil-permessi kollha neċessarji u li l-każin stess ikun l-entita' responsabbli fejn dak li jidħol saħħa u sigurta'.

H2 Il-Kunsill approva unanimament applikazzjoni li trid timtela' u tintbgħat lill-AKL b'suġġerimenti ta' fejn jistgħu jiġu nstallati charging pillars ġodda fil-lokal. Is-Seg Eżek ħa tkun qed tieħu ħsieb din l-applikazzjoni minn naħa tagħha fil-ġranet li ġejjin.

**4.4 ma kienx hemm**

4.5a1 Is-Sur Bongailas talab lill-kunsill jiżboh ir-'reserved bay' ta' quddiem l-għassa bl-abjad la darba l-għassa m'għadiex tintuża biex b'hekk jiżdied parkeġġ fiż-żona tax-Xatt

4.5 a2 Is-Sur Bongailas qal illi ser ikun qed iġib aktar informazzjoni mill-Ministeru kkonċernat bħala gwida biex isiru green vertical walls fl-inħawi tal-housing estate u fiż-żoni tal-madwar.

4.5 a3 Is-Sur Vince Bongailas irringrazzja formalment lil kull min kien involut biex tqassam l-ikel lil 'cat feeders' bl-għajnuna finanzjarja li inġiebet fix-xhur li ġew il-kunsill mingħand l-animal welfare.

4.5 b Is-Sinjura Maria Sultana ma kelliex kummenti x'tghaddi fil-ħin iddedikat għad-dekasteri tagħha, iżda hi rrimarkat illi għandha ħafna pjanijiet u proġetti għal kif terġa' tistabilizza l-biċċa xogħol tal-Covid minħabba raġunijiet ovvji.

4.5c1 Is-Sinjura Chircop talbet li jsiru 'refreshing' taż-żebgħa tal-art fiż-żona ta' Triq Gianni Raimondo kif ukoll fejn il-Bajja ta' Rinella minħabba l-fatt illi dalwaqt jeqleb it-temp u din iż-żona ser tiġi ffrekwentata minn ħafna.

4.5 c 2 Is-Sinjura Chircop talbet li jsir rapport formali fuq 'trailer blue' li qed ikun ipparkjat in-naħa ta' Santa Liberata li kienu n-nies stess qed jilmentaw fuqu magħha.

4.5c3 Is-Sinjura Speranza Chircop talbet informazzjoni fuq il-kwistjoni tas-'Seabin' ġa la darba reġa' qisu waqaf kollox. Is-Sindku saħaq illi hu għejja jiġri wara l-NGO kkonċernata u kkonferma wkoll illli kollox qed jiġi dokumentat b'emails biex wieħed ikollu referenza ta' kemm il-darba l-kunsill bagħat u baqa' bla ebda risposta.

4.5 d Is-Sur Chris Bruno saqsa dwar -andament tal-berġa l-ġdida fil-lokal. Is-Sindku spjega kif ix-xogħolijiet għadom għadejjin u li kien hemm xi kumplikazzjonijiet fuq ħajt partikolari li jrid jaqa' u qed isiru arranġamenti biex din il-kwistjoni tiġi solvuta malajr kemm jista' jkun bex il-binja perse tiġi ffinalizzata mix-xogħolijiet ta' kostruzzjoni.

**4.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**4.6.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

**4.6.2** Fuq proposta tas-Sa. Maria Sultana ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 4.20

**4.7** **Mozzjonijiet**

4.7.1 Il-kunsill qabel unanimament illi jitqassmu frott u affarijiet ta' iġene personali bħal 'shower gel' lill-anzjani rikoverati fi djarhom fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm fuq proponiment tas-Sinjura Speranza Chircop li tieħu ħsieb din il-materja. Is-Sinjura Maria Sultana ssuġeriet illi dawn il-flus għandhom jintefqu mis-€700 allokati għal kull kunsillier kif ġie maqbul f'seduti preċedenti.

**4.8** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

4.8.1 Is-Seduta ntemmet fil-5:30 pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal-21 ta' April 2021 fl-4:00 pm.

Konfermati, illum ______________________________

______________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

______________________

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv